**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 30 ta' Lulju 2020.**

**<u>Rikors nru: 2/2017 AGV;</u>**

**AB**

**Vs**

**CD**

**Il-Qorti;**

**Rat r-rikors ta' AB datat 9 ta' Jannar 2017, fejn esponiet bir-rispett u kkonfermat;**

1. Illi l-esponenti kellha relazzjoni mal-intimat u minn dir-relazzjoni twieldet tarbija EF li twieldet fit- 8 ta' Frar 2012, kif jiriruzlta mic-certfikat anness u li llum ha taghlaq erba' snin;
2. Illi l-kontendenti m' ghadhiex f' relazzjoni u prezentament l-minuri qeghda tghix mal-esponenti.

3. Illi inoltre’ l-intimat mhux persuna affiddabbli u kien hemm okkazzjonijiet fejn kien aggressiv mal-minuri.
4. Illi inoltre minn hekk l-esponenti jahdem u ghalhekk huwa f’ posizzjoni li jmanti lill-bintu.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil  dina Onorabbli Qorti sabiex ;

1. Takkordalha l-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri EF;
2. Tiffissa retta alimentari ghall-minuri, kif ukoll tiffissa ammont ghall-spejjez medici u edukattivi.
3. Takkorda lill-intimat access ghall-minuri EF.

Bl-intimat ingunt minn issa in subizzjoni.

Bl-ispejjez.

**Il-Qorti rat ir-risposta ta’ CD** datata 17 ta’ Frar 2017, fejn espona bir-rispett u kkonferma;

1. Illi preliminarjament il-ftuh ta’ dil-kawza ssorpendiet sostanzjalment lill-eccipjent peress li l-kontendenti kienu ftehmu kwazi kollox- kien jonqos biss ftehim dwar kura u kustodja u kienu fil-process tal-abbozzar tal-kuntratt;
2. Illi dwar it-talbiet, l-ewwel talba attrici ghandha tigi michuda u dan peress li jmur kontra l-interess suprem tal-minuri li l-kura u kustodja taghha tigi fdata lilha esklussivament , izda tali kura u kustodja ghandha tkun fdata b’ mod kongunt bejn il-partijiet;
3. Illi in kwantu ghar-retta alimentari u spejjez medici u edukattivi, l-eccipjent dejjem qabel li huwa ghandu jikkontirbwixxi ghall-bzonnijiet tal-

minuri EF, u dan skont il-mezzi tieghu u tar-rikorrenti u skont il-bzonnijiet tal-istess minuri, kif effetivament qed jaghmel u kif kien ordnat permezz ta' digriet pendente lite datat 31 ta' Ottubru elfejn u sittax.

4. Illi fir-rigward l-access favur l-eccipjenti, it-tielet talba, dan kien gie miftiehem bejn il-partijiet u prezentament huwa darbtejn fil-gimgha, Tlieta u Hamis mit- 3.00 PM sas- 7.00 PM u alternattivament darba s-Sibt mit- 3.00 PM sas- 7.00 PM u l-gimgha ta' wara l-Hadd, mid- 9.00 AM sas- 6.00 PM.
5. Illi l-ispejjez tal-kawza odjerna ghandhom jigu sapportati mir-rikorrenti esklussivament ghax il-ftuh ta' dil-kawza, kien frivolu.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi tal-partijiet.

Rat id-digrieti moghtija fl-atti tal-kawza u tal-medjazzjoni.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi l-partijiet kellhom relazzjoni intima bejniethom fis-sena 2011, u ftit xhur wara li kienu flimkien l-attrici harget tqila bil-minuri in kwistjoni, EF, li twieldet fit-8 ta' Frar, 2012. Dak iz-zmien l-attrici kellha 20 sena u l-konvenut kellu 23 sena. Jidher li l-partijiet ma tantx damu flimkien wara t-twelid tal-minuri, u bdew jghixu ghal rashom mill-2015, bil-minuri tghix mal-attrici ghand ommha, in-nanna materna. Fil-frattemp il-konvenut dahal f'relazzjoni ma' terza persuna. Il-konvenut kien fetah proceduri ta' medjazzjoni fl-2015, bin-numru 739/15, mentri l-attrici bdiet proceduri ta' medjazzjoni fl-2016, bin-numru 948/16, u l-kawza odjerna infethet f'Jannar 2017. Fl-istess medjazzjoni, b'digriet datat 31 ta' Ottubru 2016, il-konvenut kien gie ordnat ihallas manteniment ghall-minuri fl-

ammont ta' €200 fix-xahar, flimkien ma' €30 fix-xahar ghal nofs l-ispejjez ta' sahha w edukazzjoni. Dan id-digriet gie varjat fil-mori tal-kawza, sakemm b'digriet datat 22 ta' Novembru, 2019, il-manteniment zdied ghal €275 Ewro fix-xahar, inkluz l-ispejjez ordinarji ta' sahha w edukazzjoni.

Fil-verbal tal-14 ta' Gunju, 2017, il-Qorti kienet ordnat li l-access versu l-minuri jkun kull nhar ta' Tlieta w Hamis, bejn l-4.00pm u s-7.oopm, b'dana illi jekk il-minuri ma tingabarx sal-4.15pm, l-access f'dik il-gurnata ma jigix ezercitat. Il-Qorti kienet ordnat ukoll li fi tmiem il-gimgha, l-access ikun bejn l-10.30am u s-6.00pm, bil-kundizzjoni wkoll illi jekk it-tifla ma tingabarx sal-11.00am, l-istess bhall-granet l-ohra l-access f'dik il-gurnata ma jigix ezercitat. Mill-atti jidher li l-partijiet kienu ftehmu bejniethom li l-access nhar ta' Sibt ikun bhal ta' fost il-gimgha, jigifieri bejn l-4.00pm u s-7.00pm, peress illi l-konvenut jahdem nhar ta' Sibt ukoll, mentri l-hinijiet tal-Hadd jibqghu kif dekretat.

Illi b'digriet tat-8 ta' Frar 2018, il-Qorti kienet innominat lil Charmaine Zerafa mill-Agenzija Appogg biex taghmel rapport socjali, b'enfasi dwar jekk u meta ghandu jigi inkluz 'sleepovers' fl-access tal-missier versu l-minuri. Dan ir-rapport kien gie ppresentat fil-15 ta' Jannar 2019. Il-Qorti sejra taghmel referenza shiha ghall-konkluzjonijiet milhuqa, ghax tara li hawn hu l-qofol tal-kaz kollu.

**"Konkluzjoni;**

Matul l-interventi li saru deher li hemm diversi persuni li huma involuti fil-hajja tal-minuri apparti ommha u missierha. Jidher li kemm in-nanna materna kif ukoll is-siehba tal-missier huma zewg persuni involuti sew fil-hajja tal-minuri u t-trobbija taghha. Dan jista' ikun qed iwassal ghal

kunflitti zejda bejn iz-zewg genituri u li eveentwalment qed jaffettwa lill-minuri biex turi imgieba differenti meta tkun maz-zewg genituri.

Jidher li l-missier ghandu bzonn ikun izjed prezenti fil-hajja tal-minuri, specjalment fis-sahha u edukazzjoni, u jibda' jzomm rutina u jkun aktar stabbli fil-hinijiet tal-access tieghu, mal-minuri. Huma importanti liwaqt il-hin tal-access il-missier , ikun prezenti minkejja li huwa tajjeb li l-minuri tqatta hin ta' kwalita' mal-familja paterna, izda l-akbar bzonn tal-minuri huwa l-hin ma' missierha, wehidha biex tkun tista' tkompli tkabbar ir-relazzjoni li ghandha mieghu, anki minhabba li l-minuri stess uriet dix-xewqa.

Huwa fatt li z-zewg genituri ghandhom is-sieheb jew siehba taghhom u komplew b' hajjithom waqt li waqfu r-relazzjoni ta' bejniethom, izda huwa fl-interess suprem tal-minuri li decizjonijiet dwar il-minuri jittiehdu minnhom it-tnejn biss minghajr pressjoni minn membri ohra tal-familja. Waqt li qieghed isir dar-rapport, il-missier kwazi qatt m' ghamel kuntatt hu mas-social worker, u kienet is-siehba tieghu li ghamlet il-kuntatti kollha. Waqt il-laqghat ukoll, is-siehba ta' C, tkellmet aktar minn C dwar il-minuri, u dak li qed jinkwetaha.

Min-naha tal-omm, huwa importanti li jigi evitat diskors dwar il-kunflitti li hemm bejn iz-zewg genituri fil-presenza tal-minuri, u dan ghaliex jidher bic-car li l-minuri qed tghid u tirrepeti kliem li ma jkunx gej minnha izda tghidu ghax tkun semghatu. Jidher ukoll li minhabba dal-kunflitti, il-minuri qed taghzel kliem li tghid meta tkun ma' ommha u missierha. Kliem u xewqat li hafna drabi ma jaqbilx ghax qed thossha maqsuma bejn iz-zewg partijiet.

**Fid-dawl ta’ dan kollu, qed jigi rrakomandat li;**

a. L-Agenzija Appogg taghmel monitoring tal-minuri u l-missier ghal tlett xhur, fejn iservi bhala prova ghall-missier biex juri aktar commitment fejn tidhol il-minuri. F’ dat-tlett xhur, ghandu jkun hu biss li jikkomunika mal-agenzija appogg kif ukoll mal-omm dwar l-accessi tal-minuri.

a. Il-missier jibda’ javza minn rajh u ta’ lanqas erba’ sieghat qabel jekk ikun ha jikkancella l-access mal-minuri. Huwa ghandu jibda’ izomm il-hin u f’ kazijiet rari fejn ikun ser jittardja, ghandu jkun hu li javza’ lil omm il-minuri.

b. Il-missier ghandu jkun dejjem prezenti waqt l-acecss u l-minuri ma ghandha qatt tithalla wehidha ma’ terzi persuni hlief man-nanna paterna.

c. Iz-zewg genituri jattendu ghal co-partenting course biex jitaghllmu aktar kif jistghu jkomplu jrabbu lil minuri flimkien , minkejja li ma humiex f’ relazzjoni flimkien.

d. Il-missier jattendi ‘positive parenting course’ offrut mil-Agenzija Seqda;

e. Wara tlett xhur, tigi riveduta is-sitwazzjoni biex jigu kkunsidrati sleepovers.”

Minn dan kollu jidher car li l-partijiet kellhom it-triq imwittija quddiemhom, izda ghal xi raguni ghazlu li jkomplu bil-kawza minghajr ma taw wisq kaz tar-rakkomandazzjonijiet maghmula. Dan qed jinghad ghax il-Qorti inghatat l-

impressjoni li n-nuqqas ta' ftehim bejn il-partijiet seta' kien gej aktar, min-naha l-wahda, minn omm l-attrici, u min-naha l-ohra, mis-siehba – illum il-mara fiz-zwieg – tal-konvenut. Hija hasra li l-minuri izzeffnet fin-nofs bejn l-adulti meta setghu facilment qablu fuq il-mod kif kellhom jimxu l-affarjiet. Izda l-Qorti issa trid tizen il-provi migjuba u tiddeciedi x'inhu fl-ahjar interess tal-minuri dwar kura w kustodja, manteniment u access.

**Kura w Kustodja**

Mill-provi prodotti jidher car li l-attrici kienet totalment iddedikat hajjitha ghat-trobbija tat-tifla. Huwa evidenti mill-hafna ricevuti esebiti fl-atti li l-attrici kienet l-omm li hadet hsieb tal-bzonnijiet kollha tal-minuri, u ma hallietha nieqsa minn xejn, u dan ghamlitu wehidha minghajr wisq ghinuna tal-konvenut. Wahda mill-kwistjonijiet ta' bejn il-partijiet kienet fil-fatt il-hlas ta' spejjez ordinarji ta' sahha w edukazzjoni. Id-digriet originali tal-31 ta' Ottubru 2016 kien iffissa l-ammont ta' €30 ghall-ispejjez ta' sahha w edukazzjoni, b'dana illi l-attrici kellha zzomm rendikont ta' dak kollu li jintefaq fuq il-minuri, u jekk is-sehem tieghu tal-ispejjez jkunu ghola minn €30, il-konvenut jkollu jhallas id-differenza, mentri jekk jkunu inqas, il-konvenut jkollu kreditu favurih. Dan l-ezercizzju jidher li sar b'mod assidwu w diligenti mill-attrici, li tghid li sa Novembru 2019 ghandha tiehu s-somma ta' madwar €1,500 mill-konvenut tul it-tlitt snin li dak id-digriet baqa' vigenti.

L-attrici qed titlob li l-kura w kustodja tal-minuri tinghata lilha ad eskluzjoni tal-konvenut. Hi tghid li l-missier ftit li xejn kien prezenti fil-hajja tal-minuri, u sabet diffikulta' kbira biex hadet hsieb it-trobbija tat-tifla bl-ispejjez kollha fuqha u r-rifuzjoni tal-ispejjez mill-konvenut ma jasalx fil-hin, jew ma jsirx. L-attrici tidher li qaghdet attenta hafna li zzomm ir-ricevuti kollha, u pprovdiethom bhala prova tal-ghaqal u l-galbu taghha bhala omm, mentri l-konvenut kien xott ghall-ahhar

meta gie biex jressaq il-provi tieghu dwar l-involviment u l-partecipazzjoni tieghu bhala missier fit-trobbija ta' bintu, anke billi juri x'kien jonfoq ghat-tifla. Il-Qorti hadet impressjoni li, fl-ewwel lok, il-partijiet kienu ghadhom ta' eta' zghira hafna meta l-attrici harget tqila bit-tifla taghhom, u dan wara ftit xhur biss ta' relazzjoni bejniethom. Fit-tieni lok, il-konvenut fittex wicc haddiehor meta l-attrici kienet qed tiehu fuqha t-trobbija tat-tifla, tant hu hekk li llum il-konvenut huwa mizzewweg lil haddiehor, xtara proprjeta' ma' haddiehor, u ghandu tarbija ohra minn haddiehor. Jidher ghalhekk li r-relazzjoni li kellu mal-attrici kienet xi haga ta' malajr, nar tat-tiben, li ilu zmien li ntefa.

Tenut kont tal-provi kollha migbura, il-Qorti sejra tilqa' t-talba ghall-kura w kustodja tal-minuri f'idejn l-omm. Il-missier kien inkonsistenti wisq fit-trobbija tat-tifla, u huwa evidenti li llum il-prijoritajiet tieghu huma x'imkien iehor. Ta' dan, izda, m'ghandhiex tbati t-tifla tieghu, u l-anqas ghandha tbati r-relazzjoni li l-konvenut ghandu jkollu ma' bintu. Dan ghalhekk bl-ebda mod m'ghandu jinftiehem li hu kastig fuq il-missier, jew li hu forma ta' tpattija ghal mod kif mexa mal-attrici. Dik hija xi haga li l-adulti ghandhom jkunu maturi bizzejjed u jaghrfu li huma t-tnejn huma genituri tal-wild li ghogobhom jaghmlu flimkien, u li t-tnejn ghandhom responsabbilta' lejn binthom. Madankollu l-Qorti hi tal-fehma li l-attrici ghandha tiehu d-decizjonijiet ordinarji wehidha fl-edukazzjoni tat-tifla u fl-affarjiet l-ohra kollha ta' kura ordinarja. Id-decizjonijiet dwar is-sahha u l-kura medika tat-tifla ghandhom jittiehdu miz-zewg genituri flimkien, u inoltre l-attrici ghandha zzomm lill-konvenut infurmat dwar x'qed jigri fil-hajja tat-tifla.

## **Manteniment**

Dwar manteniment, il-Qorti ma tistax tifhem kif il-konvenut jghid li jaqla' madwar tminn mitt Ewro fix-xahar, meta ha self mill-bank ghal xiri ta' proprjeta'

fl-ammont ta' €215,000.00, li ghal dan is-self qed jithallsu €760 fix-xahar ghal madwar hamsa w tletin sena; ghandu jhalla madwar mitejn Ewro fix-xahar fuq vettura, ghandu spejjez ohra bhal dawl u ilma, telephone u internet, u spejjez ohra ordinarji bhal kulhadd. Huwa ghal kollox inverosimili li l-konvenut kien onest mal-Qorti fuq id-dhul tieghu, u ma ta ebda spjegazzjoni dwar id-diversi depositi fi flus kontanti li saru b'mod regolari ghall-ahhar fil-kont bankarju tieghu li ghandu ma' martu. Jidher li l-konvenut jaf jiehu hsieb tal-familja l-gdida tieghu, u jaghmel sew li jiddedika hajtu ghall-familja, izda m'ghandux jittraskura l-ewwel wild tieghu a favur tal-familja gdida. Ghalhekk il-manteniment ghandu jibqa' jithallas fl-ammont ta' €275 fix-xahar, li jinkludi nofs l-ispejjez ordinarji ta' sahha w edukazzjoni, liema manteniment ghandu joghla kull tlitt snin b' €25 fix-xahar, sa ma l-minuri taghlaq l-eta' ta' tmintax-il sena. Dan il-manteniment jibqa' mbaghad hekk jithallas jew sal-eghluq ta' tmintax-il sena tal-minuri, jew sa ma jkolla tlieta w ghoxrin sena, jekk it-tifla tibqa' tistudja 'full time' u ma jkollhiex impieg fiss 'full time'.

**<u>Access</u>**

Dwar access, l-ahhar digriet li kien inghata huwa dak riprodott aktar 'il fuq, moghti fl-14 ta' Gunju 2017. Huwa pjuttost rari li f'digriet tal-Qorti jkun hemm indikat li tali access ma jigix ezercitat jekk il-missier ikun tard ghal dak l-access. Dan il-provvediment hasseb ftit lil din il-Qorti kif presjeduta, u tali provvediment mhuwiex ser jigi disturbat, anzi ser jigi inkorporat fl-ordni ta' access moghti b'din is-sentenza. Dan iwassal lill-Qorti tifhem li l-konvenut ma tantx kien puntwali u konsistenti fl-ezercizzju tal-access versu l-minuri. Il-Qorti ratha ftit stramba li l-konvenut talab ghal 'sleepover' waqt il-medjazzjoni u fil-mori tal-kawza, imbaghad donnu rrassenja ruhu u ma baqax jinsisti ghal dan. Tant hu hekk, li anke fir-rapport ta' Charmaine Zerafa, kien inghata l-opportunita' jindirizza xi nuqqasijiet tieghu u jibda jkollu 'l bintu ghal aktar tul ta' hin mieghu. Izda ghal

xi raguni, ir-rapport ma giex segwit. Il-Qorti mhix sejra tipprovdi ghal 'sleepovers' fl-access. Madankollu, jekk it-tifla tkun kibret ftit aktar u tesprimi x-xewqa li tqatta' xi ljieli fir-residenza ta' missierha, il-Qorti theggeg lill-partijiet jiftiehmu fuq hekk, fl-ahjar interess tal-minuri. Il-konvenut ghandu kull opportunita' jfittex li jkollu relazzjoni tajba ma' bintu, ghax huwa anke fl-interess tal-istess bint li jkollha relazzjoni tajba ma' missierha.

Il-konvenut, fis-sottomissjonijiet tieghu, jaghmel suggeriment biex il-hin tal-access jizdied fix-xhur tas-Sajf. Il-Qorti thoss li tali suggeriment huwa wiehed tajjeb, u ghalhekk il-Qorti sejra zzid il-hinijiet tal-access ghaz-zmien tas-Sajf kif indikat minnu, anke jekk, tul dawn is-snin kollha, ma hax daqshekk interess fit-trobbija ta' bintu daqs kemm kien mixtieq minnu. Jispetta lilu, ghalhekk, li juri lil bintu li anke hi hija persuna importanti f'hajtu, daqs kemm huma importanti ghalih martu u l-wild li ghandu maghha.

**Konkluzjoni**

Tenut kont ta' dawn il-fatturi kollha, u tenut kont tal-provi kollha migjuba quddiem din il-Qorti, it-talbiet tal-attrici ghandhom jigu milqugha bl-ispejjez kontra l-lonvenut. Il-Qorti tissollecita lill-partijiet ifittxu dejjem l-interess tat-tifla taghhom l-ewwel qabel l-interessi taghhom.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

1. Tilqa' l-ewwel talba, u takkordalha l-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri EF f'idejn l-attrici, b'dana li d-decizjonijiet straordinarji ta' sahha tal-minuri ghandhom jittiehdu bejn iz-zewg genituri;
2. Tilqa' t-tieni talba u tiffissa retta alimentari ghall-minuri, fl-ammont ta' €275 fix-xahar, li ghandu jithallas bil-quddiem, u li jinkludi nofs l-ispejjez ordinarji ta' sahha w edukazzjoni, liema manteniment ghandu joghla kull tlitt snin b' €25 fix-xahar, sa ma l-minuri taghlaq l-eta' ta' tmintax-il sena. Dan il-manteniment jibqa' mbaghad hekk jithallas jew sal-eghluq ta' tmintax-il sena tal-minuri, jew sa ma jkolla tlieta w ghoxrin sena, jekk it-tifla tibqa' tistudja 'full time' u ma jkollhiex impieg fiss 'full time'.
3. Tilqa' t-tielet talba u takkorda access lill-konvenut versu l-minuri kull nhar ta' Tlieta w Hamis, bejn l-4.00pm u s-7.00pm, kif ukoll fi tmiem il-gimgha darba s-Sibt bejn l-4.00pm u s-7.00pm, u d-darba ta' wara l-Hadd bejn l-10.30am u s-7.00pm.

   Fix-xhur tas-Sajf, minn Lulju sa Settembru, l-access jitwal b'siegha, jigifieri jispicca fit-8.00pm. Ukoll fl-istess xhur tas-Sajf, meta l-access ikun nhar ta' Hadd, jibda fid-9.00am u jispicca fis-7.00pm.

   Jekk il-minuri ma tingabarx sal-4.15pm, fost il-gimgha u s-Sibt, u sal-11.00am il-Hadd fix-Xitwa u sad-9.30am fis-Sajf, l-access f'dik il-gurnata ma jigix ezercitat.

   Jekk il-konvenut ma jkunx jista' jezercita l-access f'xi gurnata minn dawn, hu ghandu jaghti pre-avviz lill-attrici ta' mhux inqas minn 24 siegha.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Imhallef**

**Onor. Anthony G. Vella**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**